**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | STUDJI SOĊJALI (OPTION) | ĦIN: SIEGĦA U TLIET KWARTI |
|---|---|---|

**Taqsima A**

Wieġeb il-mistoqsijiet.

1. X'tifhem:
   a. b'liġi (2)
   b. b'ugwaljanza (2)
   ċ. b'liberta' (2)

2. X'inhu Grupp ta' Pressjoni. Agħti 2 eżempji. (4)

3. X'differenza tgħaddi bejn:
   a. Kunsill Lokali u Gvern Ċentrali (5)
   b. Stat Demokratiku u Stat Totalitarju (5)
   ċ. Poter Leġislattiv u Poter Amministrattiv (5)

4. X'tifhem b'saħħa? Semmi l-isem ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali li tieħu ħsieb dan il-qasam. (3)

5. Għaliex kull bniedem iħoss il-ħtieġa li kultant jaqta' ftit mix-xogħol? (3)

6. X'tifhem bl-espressjoni "sħubija bejn il-miżżewġin"? (2)

7. X'tifhem b'Mass Media? Semmi t-tliet funzjonijiet ewlenin tagħhom. (5)

8. Fiex tikkonsisti l-ġustizzja soċjali? (2)

**(40 marka)**

**Taqsima B**

Agħżel **TNEJN** minn dawn u ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 150 kelma fuq kull wieħed.

1. Semmi 2 Organizzazzjonijiet Internazzjonali li qed jaħdmu ħafna dwar id-drittijiet tal-bniedem. Fisser kif jaħdmu.

2. "Il-Kostituzzjoni tiddikjara fil-bidu nett tagħha li **Malta hija Repubblika demokratika, newtrali u non-allinejata, ibbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali ta' l-individwu."** Ikkummenta dwar l-importanza ta' dan l-ewwel artiklu tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. Għaliex taħseb li l-mezzi ta' komunikazzjoni żviluppaw daqshekk b'rata mgħaġġla matul is-seklu għoxrin?

4. La darba spiċċaw bil-pensjoni u m'għandhomx bżonn irabbu iżjed 'l uliedhom, x'inhu r-rwol ta' l-anzjani fis-soċjeta' moderna?

5. Fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja, ir-Reliġjon tat servizzi differenti lis-Soċjeta'. X'tip ta' servizzi toffri u kif toffrihom?

**(10, 10 = 20 marka)**

## Taqsima Ċ

Agħżel **TNEJN** minn dawn u ikteb mhux anqas minn 250 kelma fuq kull wieħed.

1. "Kull qarrej, semmiegħ jew telespettatur hu 'konsumatur' tal-kitba jew programmi li jaqra, jara jew jisma'." Ikkummenta.

2. "Familja mkissra tista' twassal għall-pjaga tal-kriminalita', imma familja magħquda tkun kapaċi tilqa' kull tendenza vjolenti li tista' tinbet fi ħdanha." Taħseb li hu minnu dak li tgħid l-istqarrija? Għaliex?

3. Il-marda ta' l-istress, li llum daħlet sewwa fis-soċjeta', anki dik Maltija, hija l-kaġun ta' ħafna mard ieħor soċjali. Minn fejn jiġi l-istress? X'mard ieħor soċjali qed jikkaġuna? Kif nistgħu nevitawh?

4. "Tbiddlu ta' taħt fuq ir-rwoli tradizzjonali ta' l-irġiel u tan-nisa, tibdil li għandu l-bażi tiegħu fl-edukazzjoni tal-mara f'kull livell u fl-għarfien li l-mara hi intelliġenti, kapaċi u effiċjenti daqs ir-raġel u li għandha sehem kbir x'tagħti lill-pajjiż." Taqbel ma' din l-istqarrija? Fisser għaliex.

5. "Id-demokrazija tippretendi li l-poteri leġislattivi, amministrattivi u ġuridiċi kollha jinqasmu fi tliet idejn differenti u indipendenti minn xulxin." Taħseb li d-demokrazija hi l-aħjar sistema ta' tmexxija? Għaliex?

6. "Il-membri kollha tal-Ġnus Magħquda jaċċettaw fil-prinċipju li l-bnedmin kollha huma ugwali għal xulxin, hi x'inhi l-pożizzjoni soċjali, in-nazzjonalita', ir-reliġjon, ix-xogħol, is-sess jew ir-razza tagħhom. Imma l-ġrajjiet tal-ħajja ta' madwarna juru mod ieħor." X'taħseb int?

**(20, 20 = 40 marka)**